# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeuġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l mehtieġ.*

**69.** **25 ta' DICEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**

## FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

**Daŭc collha, imsieħbin jeŭ le, li jibgħatuli b'sold bolli ta' Malta nibgħatilhom, bla ħlas ta' xejn, nofs tużżani numri differenti ta'n-« Naħla » bħala reclam. Min imbagħad jibgħatli sitt soldi, flus jeŭ bolli ta' Malta, u il ħlas ta'l posta jecc hemm bżonn, nibgħatlu għal tliet xhur sħaħ, bħala prova, in-« Naħla. » Jecc ŭara it-tliet xhur ma jcunx ijrid jibka imsieħeb jista jitlak billi javżani b'il mictub; jecc ijcun ijrid jibka imsieħeb ŭara daŭna it-tliet xhur ta'l prova jcun ijrid ijħallas l-istess bħal l imsieħbin l-oħra. Min chien imsieħeb ġa f'in-« Naħla » u ma għadux ma jistax jieħu daŭna it-tliet xhur ta'l prova billi dana għamiltu biss biex nuri chemm fiha tagħlim sabiħ u ta' gid għal poplu in-« Naħla » tiegħi.**

## IL MILIED.

*Et in terra pax hominibus.*

Illum il Milied—jum ta' paci, ta' hena f'il familji, ta' maħfra, ta' ħsiebijiet ta' mħabba lejn għajrna u lejn min hu imnicchet. Għaldakstant f'loc li nokogħdu, bħa'n-nies ta' rziezet, nakraŭ il-legenda ta' xi abbatini imneżżgħin b'il fors u bla ma nokogħdu nirraccontaŭ il għala, nintrefgħu ftit, f'da'l ġranet imkaddsa, minn dana il ħama ta'l ħajja u niftacru ftit f'daŭc collha li fukhom giè Milied ħażin u icreħ; li chemm chemm ijsibu biex jitrejjku f'daŭna il ġranet li min jaf il għani chemm ijberbak flus fihom bla ma jiftacar li b'dundjan milli joktol jista jsalva il gieħ jeŭ il għajb ta' familja.

Lilcom mela ja imnicctin, lilcom imħabbta minn xorti chiefra u ħażina il chelma ta' mħabba ta' min ħareġ minn ġo nofscom u trabba fostcom.

Nitma li is-sena li gejja tcun ta' risk għalicom u li jitkankal xi xogħol seŭŭa biex tintrefgħu m'il fakgħa li giet fukcom; nitma li trabbu ftit ta'l ħila ħalli tiftħu, bħal ma jagħmlu ġnus oħra, torok ġodda biex tistgħu ticsbu profitti ġodda; nitma li il Cunsilieri jkanklu kalb il Gvernatur il ġdid li għandna u li ŭiegħed li għandu jakbeż għan-nies kiegħda biex jara chif jagħmel u joħlok xi xogħol; nitma fi ftit cliem li naracom tgħumu f'il gid u f'il hena billi kalbi dejjem chienet u dejjem għadha marbuta b'imħabba cbira ma'l ħaddiem, ma' daŭc li ftit nies tati conthom biex ijgħallmuhom u jakbżu għalihom, U dina l-imħabba ħadd ma jista jiċħadhieli għaliex tafu tajjeb chemm il darba kbiżt għalicom u ridt nagħmlilcom il gid u li meta ma irnexxiex ma nakasx minni. Intom tafu li f'loc gazzetta b'il malti, li kiegħda tisŭieli taħbit u ħsieb bla tarf, jiena stajt nagħmel ŭaħda b'ilsien ieħor li chienet tatini unur acbar ma' min jifhem. Iżda jiena ma fittixtx dan iżda biss li noħlok gazzetta biex nilħak biha lil daŭc li għandhom bżonn min ijgħallimhom u jiftħilhom għajnejhom; u dina jidhirli li hi turija ta' mħabba cbira lejn il poplu u għalhecc meta nixtieklilcom Milied ħieni u mimli b'cull risk jiena sgur li tifhmu li dina ix-xeŭka cbira tiegħi hi ħierġa m'il kiegħ ta' kalbi. —kalb li tħabbat dejjem għalicom.

## FRAC.

X'ijrid jaf il Poplu Malti :—

1. Għala il-laħam b'il ħabb ma jistax jinbiegħ biex ma jgibx it-tenja u il-laħam ta'l mogħoż maktula m'is-Sanità jista, għad li il ħalib tagħhom ijcun imniġġes b'id-deni ?

2. Il Cummissjoni li għamel il Gvern fl-1904 kalet li il-laħam ta'l mogħża imniġġża b'id-deni jista jittiechel bla periclu ta' xejn; it-Tabib Principal ta's-Sanità f'ir-rapport ta' dina is-sena kal li hemm periclu. Lil min nakbdu nemmnu ? Min

għandu raġun m'it-tnejn? U jecc għandu raġun it-Tabib Caruana Scicluna il Gvern ma hux kiegħed hu stess, biex jiġbor ħabba bżar, ijkiegħed is-saħħa ta'l poplu f'il periclu li jiżdied id-deni?

3. Jecc il mogħża tcun imniġġża b'id-deni għala il ħalib jista jcattar il marda u il-laħam, li fih id-demm, le?

★

Nifirħu lil Marchesin Testaferrata Abela billi gie maħtur bħala Assistent—Commissarju ta'n-Nigerja t'Isfel b'salarju ta' tliet mitt lira f'is-sena li jiżdiedu sa erba mija.

★

Cull meta tagħmel xita kaŭŭija il mol ta' Ta's-Sliema jsir għarucaża sħiħa; billi m'hux biss trid ixxammar biex tifred l-ilma li jcun hemm iżda ucoll billi jsir periculus ħafna għaliex jibka ħafna tajn u ŭieħed jista jcorri bħalli chiecu xejn. Nitma li l-Onor: Gatt jieħu ħsieb din il biċċa.

★

Ġużè Agius ftit ilu katei lil Fidiel Busuttil, fejn Hassaflieni, fuk ħaġa ta' xejn. Daŭn chienu jchissru il ħaġar x'ħin Busuttil kala gebla minn fuk il ħajt ta'l għalka ta' missier Agius biex ijchissirha. Agius ħadha miegħu. Busuttil ħebb għalih u Agius ħareġ sicchina u ŭaħħalielu f'nofs kalbu u ħallieh minxur ma'd-dakka il meŭta. Agius għad għandu xi sittax il sena u Busuttil xi għoxrin. Dana hu delitt icreħ ħafna fuk ħaġa ta' xejn u juri li il Magistrati hemm bżonn li jkellu chemm jistgħu contra daŭc collha li jiġgieldu u li jsibulhom xi armi fukhom. Għad li Agius ried jaħrab arrestaŭh malajr.

★

Il carrozza-ta'n-nar ta'l Gvernatur ftit ilu laktet il certa Margherita Ciantar, bejn Strada Forni u Strada Stretta, ŭakgħitha iżda ma għamlitilhiex ħsara cbira. Il Gvernatur icconfonda, niżel m'il carrozza, ried jieħodha il palazz għal cura, bagħat lil l-Ajjutant u lil mara tiegħu biex jaraŭ chif għaddiet u kallhom li jħallas l-ispejjes collha ta'l cura. Dana juri kalb tajjba ħafna f'il Gvernatur il ġdid li għandna; biss cullħadd ijgħemgħem li it-torok ta'l Belt tagħna, huma dojjok ŭisk għal daŭna il carrozzi-ta'n-nar u chiecu ma jħalluhomx jidħlu bħal kabel aħjar.

★

F'is-seduta ta'l Cunsill ta'l Gvern li saret f'il ħmistax ta'x-xahar bakgħu li għandhom ijżidu il fanali f'it-telgħa ta'l Museŭ ta'l Imdina. L-Avucat ta'l Curuna kal li għad ma ŭasalx il ŭakt li jgħaddu il-ligi fuk il monumenti u l-antichitajjiet ta' Malta għaliex hemm ligijiet actar ta' ħtieġa kabelha. Kal ucoll li l'is-Supraintendent ta'l Port ma jistgħux jindaħlulu fuk il ħbit ta'l bastimenti għaliex dac id-dritt jatiulu il *Merchant Shipping Act.*

★

Il Cumitat ta'l Banda *La Vallette* ippresenta lil Onor: Contin Alf: Caruana-Gatto L.L.D., B.A. indirizz sabiħ ħafna biex irringrazzjah ta' dac collu li għamel ma'l banda f'iż-żmien li dam President tagħha. Aħna nifirħulu b'kalbna collha u nieħdu pjacir meta naraŭh stmat u maħbub minn cullħadd.

★

Ftit ilu saret lakgħa f'il Borsa bejn xi neguzjanti biex seŭŭu il Camra ta'l Cummerċ u biex ijkanklu il cummerċ ta'l Gżira, li rakad għal collox għad li jmissu jcun il pedament ta'l kliegħ il flus f'dana il pajjis. Dina l-aħbar tatna pjacir tasseŭ u nitma li jieħdu pjacir biha ucoll daŭc collha li jħobbu tasseŭ jaraŭ lil dana il pajjis miexi il kuddiem; u nitma li il Camra ta'l Cummerċ tistenbaħ m'il ingħas tagħha u li in-negozjanti ta'l Gżira jgħinuha ħalli il cummerċ tagħna jarġa jieħu ftit ta'r-ruħ bħal dari u b'hecc nintrefgħu ftit m'il għacs li ŭakajna fih.

★

Iva, hemm bżonn li inkaŭŭu kalb l-industriji maltin billi meta nistgħu nixtru ħŭejjeġ sbiħ u tajjbin u b'irħis maħdumin f'pajjisna ma immorrux infittxu daŭc li jinħadmu barra minn Malta. Fl-Istitut ta's-sorijiet ta'l Bon Pastur ta' Hal Balzan, sa l-aħħar ta's-sena, sejjer ijsir bejgħ ta' bizzilli, raccmu u bjancheriji maħdumin m'ix-xbejbiet li hemm miġbura hemm geŭ. Morru u ixtru xi ħaġa; barra milli tieħdu ħŭejjeġ sbiħ u b'irħis tcunu kiegħdin tagħmlu carità cbira billi cullħadd jaf chemm gid kiegħdin jagħmlu l'ix-xbejbiet u l'innisa imġarrfa dauc is-sorijiet.

★

Is-Sanità tagħna dejjem kalet li id-deni ma jistax jittieħed m'il arja iżda biss m'il ħalib ta'l mogħża u għalhecc dejjem ħambket li id-deni katt ma sata jigi m'id-Drenaġġ. Issa is-Sur Stephen Paget F.R.C.S. kal li meta chienu kiegħdin jesperimentaŭ f'il Laboratorju Fisiologicu ta' Loudra fuk dina il marda, sitta minn nies ħadu id-deni m'il arja biss u b'hecc ipprovaŭ li ma hemmx bżonn ta'l mogħża biex jittieħed id-deni. X'bi ħsiebha tgħid issa is-Sanità tagħna fuk dana il fjasc cbir li għamlet? Għala ma tistkarrx darba għal dejjem li dana id-deni gejj m'id-Drenaġġ u m'hux m'il ħalib ta'l mogħoż, u li jecc id-deni nakas m'hux għa'x ma hux kiegħed jinxtorob ħalib t'al mogħża iżda għaliex kiegħdin ijżommu aħjar id-Drenaġġ? Għala ma jfittxux jaraŭha darba għal dejjem dina il biċċa kabel ma jekirdu il mogħoż collha u kabel ma jcomplu jfakkru lil minn ijgħix minnhom?

★

Fuk it-**Teatru Rjal** ili ftit ma nitchellem magħcom billi ftit hemm ŭieħed x'ijgħid tajjeb fuku; iżda billi cull tant jidher xi tifħir li ijdardar minn min jieħu il palc b'xejn għalih u għal familja, hemm bżonn li insemmgħu ftit leħinna biex tisimgħu ftit il kanpiena l-oħra.

L-ERNANI tcaxcret ħażin ħażin għaliex bi primadonna ta' teatrin bħal ma hi it-*Toninello* u b'baxx bħal ma hu *Tondini* (li ħafna gazzetti talbu li jcun protestat), ma jistgħux ijsiru opri seŭŭa b'dica is-serjetà li jitlob teatru Rjal bħal tagħna. Iżda il ħtija ma hix lankas ta'l artisti għaliex cull ħadd taili jħallas jiecol, u meta l-Impresarju jrid jakdi il pubblicu billi jħallas l-artisti b'is-soldi ma jistax ijcollu min jakilgħu seŭŭa. Barra minn dana l-Impresarju għandu ħtija oħra cbira ħafna li mezzosopran ijridha tcanta b'il fors ta' comprimarja jeŭ lil dina ta' sopran biex ijgeŭŭes f'in-nies u fl-ispejjes; u b'hecc ma jistax jagħmel ħlief fjaschi bħal ma kiegħed jagħmel. Nieħdu il cas ta'r-*Ravaglia* f'il PAGLIACCI li għamlet fjasc biss għaliex l-Impresarju għoġbu jatiha b'il fors opra li ma tgħoddx għaliha. Li ma chellux lil intelligenti tenur *Pazzi* li kalagħlu xi żeŭġ opri, lil *Fassio* u xi ftit l'it-*Timitz* chiecu l-opri li għamel s'issa chienu m'hux ijcunu mezzi-fjaschi iżda damiġġani.

Il FAVORITA għaldakstant ma marretx tant ħazin billi cantaŭ fiha *Pazzi* u *Timitz* u billi il baritonu *Belletti* kiegħed ijcanta aħjar milli canta kabel.

Il Manon Lescaut imxiet ucoll b'*Pazzi* u b'*Fassio*; u ir-Rigoletto b'*Ravaglia* u b'*Pazzi* salva ruħu minn naŭfraġju icreħ ucoll.

Biss għal kliegħ cbir li għandu l-Impresarju m'ir-Real u għal miserja li jħallas biha lil l-artisti jmissna mokdija ħafna aħjar u nistagħġeb chif il Ġunta Teatrali tħalli xi artisti jitilgħu fuk il palc u xi opri jidhru kuddiem il pubblicu.

Iżda haŭn Malta jgħaddi collox imkar chiecu jgibulna cumpannija ta'l marjunetti.

★

Ir-*Risorgimento* faħħar, b'ir-raġun collu, l-Onor: Lorenzo Gatt c.e., c.m.g. talli kiegħed ijħaŭŭel chemm jiflaħ siġar f'it-torok u il ġonna ta' Malta, għaliex is-siġar arja tajjba jagħmlu u actar ijfejjku id-deni m'il ħafna teoriji ta'l ħalib ta'l mogħża li dejjem ijheŭdnu fukhom il cbarat ta's-Sanità. Għoġobni ħafna dac li kal fuk is-siġar ta'l *Eucaliptus* li m'hux biss ijsaffu l-arja m'il intejjen ta'd-drenaġġ iżda għax jistgħu jieħdu minnhom iż-żejt t'al eucaliptu li tant jimxi fl-ispiżżeriji.

Għoġbitni ucoll ix-xeŭka tiegħu li jsir Cumitat biex jaraŭ chif jagħmlu il kalb lil Dr: Hadwen li kiegħed tant jaħdem fl-Inghilterra biex ijŭakka it-teorija ta'l ħalib ta'l mogħża fl-affari ta'd-deni.

U ġa la darba gie il ŭakt li infaħħar lil Onor: Lorenz Gatt ma'rridx nonkos li nfaħħar Cap ta' Dipartiment importanti ieħor—il Posta—għa't-tibdil li għamel u li sejjer ijcun ta' gid cbir għal poplu. Intom tafu li kabel biex ŭieħed jieħu *parcel* chien ijrid jokgħod jitla fuk u li il *parcels* chienu tant jimpostaŭ irŭieħhom chemm ucoll nircevuhom minn tieka ŭaħda bi tfixchil cbir ta'l impjegati u ta' min jircievi. Dana illum collu spiċċa billi il *parcels* issa ŭieħed jircevihom isfel, chif tidħol ma'x-xellug, u hemm żeŭġ tŭieki ŭaħda biex timposta u l-oħra biex tircievi u b'hecc jonkos ħafna rambaġġ u tfixchil. Il baħrin u is-suldati f'loc li jircievu il parcels tagħhom f'il curitur bħal kabel jircievuhom f'camra għalihom biex ma jcunux ma'r-riġlejn. Barra minn dan sar ħafna tkallib ieħor għal gid u ta' dan ħakku it-tifħir collu l-Onor: Vella, raġel ħabriechi u li dejjem ijħaddem rasu biex ijmixxi il Posta il kuddiem u biex il poplu joħroġ cuntent.

★

Min ijrid jara barra minn Malta chif jafu ja'kilgħuhom il flus ijmur maŭra sa għand is-Sur Piu Borg, ta' Strada San Giovanni ta'l Belt, ħalli jara xi ġmiel ta' kfief, imŭejjed ta't-tiben jeŭ ta'l palm għandu u li bi ġmielhom ijsaħħruc u jgegħluc iddaħħal idec f'il but imkar meta ma tridx. Dana ma hux ħlief xogħol ta' ftit tiben magħmul u miżbuħ b'il grazzja u li chiecu ŭieħed ijgħallimhom jistgħu jagħmluh ix-xebbiet tagħna ucoll u b'hecc m'hux biss ijfornu il pajjis iżda joħolku industrija żgħira li tħaddem ħafna nisa.

★

Dun Ġorġ Caruana, bin is-Sinjura Carm ta'l « Crystal Palace » ta' Ta's-Sliema, hu ŭieħed minn daŭc iż-żgħażaħ sacerdoti li tasseŭ libsu il libsa ta' kassisin biex jaħdmu għal gid ta' għajrhom u biex ijsalvaŭ l-erŭieħ. Għad li sata jokgħod f'dar ommu bla ma jonksu xejn, ried jati ruħu għal missjoni u għalhecc mar bħala Cappillan ta'l malti kalbieni l-ieħor Mons: Agius f'il Gżejjer Filippini, xahar safar bogħod minn haŭn. U hemm dam għal tliet snin sħaħ u fihom ħadem tasseŭ kalb is-selvaġġi billi baka dieħel il geŭŭa biex ŭakkaf ħafna missjonijiet li chienu intgħalku fi żmien il gŭerra. F'dana iż-żmien kalb is-selvaġġi għadda minn ħafna praspar li huma ta' min jismagħhom. u għalhecc jiena tlabtu, li sa chemm ijdum fostna, jictibhomli għa'n-« Naħla » u hu ŭiegħidni li għandu jagħmlu; u b'hecc nitgħallmu xi ħaġa fuk daŭc il pajjisi tant f'il bogħod, fejn ma hemmx ħlief malti ŭieħed u li hu msieħeb f'in-« Naħla, » fuk id-draŭŭiet tagħhom u il bliet u il ħruxija tagħhom; u nitma li cullħadd jieħu gost meta jisma chemm il darba lagħab ħajjtu għal gid ta'l erŭieħ dan il kassis malti u li għalhecc ħakku it-tifħir tagħna collu.

# Aħbarijiet ta' Barra.

**F'Santjagu**, ta'l Chili, sar ħruk li jŭaħħax. Bakgħu maħruka ma'l għoxrin qŭartier bini, fosthom żeŭġ banec tedeschi u id-dŭana. Hemm eluf ta' nies li ma għandhomx fejn ijdaħħlu rashom. Il ħsara cbira li saret tlaħħak ma'ż-żeŭġ miljuni u nofs u kijiet.

**F'Tangarog** hemm il colera u għalhecc il Gvern ħareġ notificazzjoni biex għamel il curantina għal min jigi minn daŭc il postijiet.

**Fl-Inghilterra** sejjra issir borsa għa'n-nies ta'x-xogħol li għaliha jcun hemm bżonn jimpjegaŭ sitt mitt ruħ. Għal daŭn is-sitt mitt post ġa resku tnax il elf ruħ u dana juri b'iċ-ċar li il kgħad fl-Inghilterra hu icreħ tasseŭ. Fost daŭna hemm nies ta'l professjoni u li jafu l-iscola seŭŭa.

**Otto Beit** u ħuh taŭ fuk il mitejn elf lira lil Università ta' Londra biex ijsiru studji fuk il mardijiet u b'hecc jagħmlu il gid lil bniedmin.

**Il Papa** għarraf li is-Sultan Leopoldu ta'l Belġju u il Contissa Vaughan chienu miżżeŭŭġin għad li katt ma ŭreŭ.

**Il Princep Nicola ta'l Montenegro**, missier ir-Regina Elena ta'l Italja, sejjer joħroġ ctieb ta' poeżiji imsejjaħ « Il għana ta'l muntanja, » billi hu poeta m'it-tajjbin bħal ma hi ir-Regina Elena bintu. Chiteb ucoll xi drammi li intgħoġbu ħafna.

**F'Saint Yhe, f'il Vosgi**, inchixfet borma cherha ŭisk u li turina b'iċ-ċar chemm hu ħaġa cherha ix-xorb. F'il manicomju ta' hemm certu infermier Thabus chien jidfen il mejjtin u jindocra u jżejjen iċ-cimiterju. Dana chien ta' ruħu għa'x-xorb u għalhecc chien capaci jagħmel collox. Billi cull meta chien jidfen xi ŭieħed chellu kliegħ ta' franc u billi nies il mejjet chienu dejjem jatuh xi ħaġa biex ijżejjen il kabar ta'l mejjet u jixgħillu fuku, x'fettillu għamel dana il bniedem chiefer taħt is-sefsif ta'x-xorb? Beda jifga lil imgienen u dan l-aħħar inchixef li katel b'dan il mod xi ħamsa biex jiddobba dic il miserja ta' ftit franchi. Il vizzju ta'x-xorb ijŭassal bniedem f'collox!

**Il Ministru ingliż Lloyd George** x'ħin chien għaddejj b'il carrozza sab ruħu f'gażiba cherha. Żeŭġ nisa suffragisti għamlu għalih; ŭaħda daħlet ġo'l carrozza, għajjritu chemm felħet billi il Camra ta'l Comuni ma tridx tatihom il vot; u l-oħra bakgħet imxabbta ma'l bieba għassa. Meta stallat il carrozza geŭ arrestati m'il Pulizija għad li il Ministru ħa dina il biċċa b'id-daħk.

# Boghod minn Malta.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

## MARSILJA.

F'ir-Rivoluzzjoni Franciża ma rieditx tixxeŭŭex contra is-sultan tagħha u għalhecc ŭara ħallset il-laħ.um. Fl-1792 inġabar il kixx u il mixx ta' Marsilja u bagħtuh Parigi biex jaħbat għa't-Tuileries u haŭn daŭna is suldati cantaŭ għal l-eŭŭel darba dac l-innu franciż li chien chiteb, fl-1792, il poeta Rouget-de-l'Isle u li għadu jissejjah sa'l-lum « *La Marseillaise* » u li imbagħad sar l-Innu ta'l Armata Franciża collha. Il cbir scultur Puget u il cbir storicu Thiers tŭieldu f'Marsilja. Il cummerċ ta' dina il belt sa m'il ibgħad żmienijiet, chien dejjem cbir ħafna, u compla chiber meta l-Algerija ŭakgħet f'idejn il Franciżi fl-1830; għad li illum ħa dicsata seŭŭa minn mindu fetħu il mina ta'l Gottardu billi b'hecc gie rebaħ ħafna il cummerċ ta' Genŭa.

Il ftuħ ta'l canal ta's-Sŭez għinha palata oħra iżda il-lum il cummerċ cbir ta' Genŭa u ta' Triesti taŭha geŭŭa, u għalhecc, bi ħsiebhom jiftħu canal ma'x-xmara Rodanu biex il cummerċ collu ta' cull fejn tilħak dina ix-xmara cbira jaka f'Marsilja.

Sa'l 1850 il port collu ta' Marsilja chien dac li hemm il-lum imsejjaħ *Il Port il Kadim*; iżda minn dac iż-żmien il haŭn il port gie imcabbar xi ħames darbiet iżjed, billi ġa saru ħames bacini cbar u oħrajn kiegħdin ijsiru. Minn dana il port ijgħaddu cull sena ma'ż-żeŭġ miljuni ingħaġ ta'l Algerija, barra m'il kmuħ, faħam u mercanziji oħra. B'collox, bejn dħul u ħruġ ta' mercanziji, Marsilja tlaħħak tlittax il miljun tunellata f'is-sena; biċċa cbira minn daŭn huma is-sapun li jsir Marsilja u li joħroġ għal pajjisi oħra. Meta tidħol, għal l-eŭŭel darba, f'dana il port tħossoc iġġib għajnejc ŭara ŭidnejc b'il cobor, b'il ġmiel, u b'il cumditajjiet li hemm.

Ma'l jemin ta' min ijcun dieħel, fuk għolja tidher il cnisja ta'n-*Notre Dame de la Garde* li għad nitħaddtu fukha actar il kuddiem. Ma'x-xellug tilmaħ il fortizza *St. Jean* u il Catidral ta'l belt; ma' daŭna, cull fejn id-daŭŭar ŭiċċec, tilmaħ gheġŭegija ta' arbli u ħbula li jagħmlu il port donnu bosc; mijiet ta' argni u ferroviji biex jisbarcaŭ il mercanziji, imħażen u tined addoċċ u frattarija ta'l infern li jagħmlu daŭc l-eluf ta' Naplitani li jmorru hemm biex ijgħabbu u ijħottu l-eluf ta' bastimenti li jidħlu hemm ma' tulec ja sena.

Il belt hi imkassma salib b'żeŭġ torok sbieħ u ŭiesgħa li jissallbu f'il *Cours St. Louis* li hu il kalba ta'l belt. Dana hu is-suk ta'l fjuri billi tilmaħ fih ħafna imŭejjed b'ħafna xebbiet li jbigħu minn cull gens ta' fjuri u bucchetti. Haŭn jinsab ucoll, f'cantuniera, il famus *Cafe Riche* li hu ŭieħed m'il isbaħ li jinsabu f'id-dinja, u li meta tarah mixgħul f'il għaxija taħsbu xi genna b'il mijiet ta' linfi u ta' merja li fih.

It-triek minn dana ic-centru ta'l belt, l-isfel sa'x-xatt, hi is-sabieħa triek imsejjħa *La Cannebiere*, li ħadet isimha m'il chelma griega *cannabis* li tfisser b'il malti masri, billi fl-antic chienu actarx f'dina it-triek ijbigħu il ħbula ta'l kanneb għal bastimenti.

In-nies ta' Marsilja huma żakkhom mimlija ŭisk b'dina it-triek u tismagħhom ijgħidu « *Si Paris avait une Cannebiere il seroit un petit Marseille*;» igifieri « li chiecu Parigi chellha Cannebiera bħal din, chienet tcun Marsilja oħra ċchejcna. » Għad li dina it-triek hi tasseŭ sabiħa, iżda il pajżani jagħmlu għageb cbir biha ŭisk, u illum f'Parigi hemm ħafna torok ŭisk isbaħ minnha. Ir-*Rambla* ta' Barcellona tisbokha ucoll f'il ġmiel u f'il cobor. Ma' tul dina it-triek hemm ħafna ħŭienet u cafejjiet sbiħ tasseŭ; u trid tokgħod b'seba għajnejn miftuħa li ma jilħkecx xi tram billi, bla ħeda, jinsġu ġo xulxin il ġurnata chemm hi tŭila.

(*Jissocta.*)

# Għa'n - Nisa.

**Meta tcunu kiegħdin** tgħallu il ħalib jeŭ iċ-cicculata jeŭ il ġulepp u ma triduhomx ijfurulcom, idilcu minn geŭŭa, ix-xifer ta'l cazzola jeŭ stanjata li fiha tcunu kiegħdin tgħallu, bi ftit butir, u taraŭ chif ma jfurulcomx.

**Biex tippruvaŭ jecc it-te'** hux ta' qŭalità tajjba aħirku ftit fuk xi ħaġa ta'l-landa sa jsir irmied- Actar ma jibka irmied actar il qŭalità tcun tajjba.

**Haŭn min ma jħobbx** is-salamun, l-aŭŭista jeŭ il gambli ta'l landi għaliex ijcun fihom certa rieħa miżża. Biex tneħħuha agħmlu hecc: iftħu il-landa daks sagħtejn jeŭ tlieta kabel tcunu tridu tieclu minnha u itfgħu dac li jcun fiha ġo passatur u għaddu minn fuk is-salamun jeŭ aŭŭista li jcollcom ħafna misħun; ħalluh joktor u jicsaħ u taraŭ chif dic ir-riħa miżża tmur għal collox.

**Meta jissaddulcom is-schiechen** għaliex tcunu ilcom ma tużaŭhom, biex tnaddfuhom agħmlu hecc: xarrbuhom għal xi nofs siegħa b'iż-żejt ta'l macna u ŭara daħħluhom għal bosta drabi ġo'l ħamrija niexfa sa jinkala is-sadid collu. Biex iġġibuhom ijlekku għadduhom b'biċċa *sand-paper* fina.

**Katt la tkiegħdu il canali** f'kofsa miżbugħa u l-actar b'il bianchett għaliex ijnakkru iż-żebgħa li bosta drabi hi velenu, u jmutu. Meta taraŭhom nifishom maktugħ u sidirhom ijsaffar itimgħuhom il ħobż imxarrab f'il ħalib u tuhom jieclu iż-żerrigħa ta'l kanneb.

**Meta tħaxchen xi saba** jeŭ tati xi dakka fuku kaŭŭija biex ittaffi l-ugiegħ malajr daħħlu minnufih fl-ilma sħun u sofrieh chemm tista.

**Malli tintebaħ li ħadt rieħ** ixrob minnufih luminata sħuna bi ftit zoccor u tara chif taktgħu malajr.

**Meta issajjru il fonoġ** u ma tcunux sguri humiex velenusi jeŭ le agħmlu hecc: kiegħdu magħhom, f'il ħin ta's-sajran, imgħarfa ta'l fidda u jecc ma tibkax tlekk iżda tisŭied ma jcunux tajjbin għal ichel.

**Meta f'ix-xitŭa** jcollcom il butir jebes u tridu iddeŭŭbuh la tkiegħduhx fuk jeŭ ħdejn in-nar għaliex titilfu ħafna minnu, izda agħmlu hecc: itfgħu il misħun jagħli ġo scutella ta'l brodu u ŭara li tisħon seŭŭa svujtaŭha u għattu biha bħal coppla il butir li jcun fi platt fond; u taraŭ li b'hecc ijdub bla ma titilfu xejn minnu.

**Biex tcunu tafu seŭŭa** jecc l-ichel li kiegħdin tatu l-uliedcom hux kiegħed ijŭietihom u jecc humiex kiegħdin jicbru chemm ijmisshom iżnuhom. Ŭara sitt xhur it-tarbija trid tiżen darbtejn il pis ta' meta tŭieldet u tliet darbiet ŭara sena; fl-eŭŭel sena cull tarbija għandha toctor libbra pis f'ix-xahar u tnax l-ukija f'ix-xahar ma' tul it-tieni sena; jecc ma tŭassalx dana il pis tcunu kiegħdin titimgħuhom ħażin u għalhecc hemm bżonn li tiftħu għajnejcom jecc tridu issalvaŭhom.

**Meta il-leŭn ta' xi umbrella** ta'l ħarir jitfa għaddiha b'il birra bajda jeŭ seŭda u tara chif il-leŭn jigi f'ŭaktu.

Lucija Levanzin Inglott.

# Esperanto

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

*Kvinoble sep estas tridek-kvin*—Ħames darbiet sebgħa huma ħamsa u tlietin.

In-nofs, it-terz, il qŭart tagħmilhom billi ma'n-numru iżżid *ono*. Mela *duono* hu in-nofs; *triono*—it-terz; *kvarono*—il qŭart; *dekono*—m'il għaxra ŭaħda.

*Tri estas duono de ses*—Tlieta hu in-nofs ta's-sitta.

*Ok estas kvar kvinonoj de dek*—Tmienja hu erba qŭinti ta' għaxra.

*Unu tago estas tricent-sesdek-kvinono aŭ tricent-sesdek-sesono de jaro*—Jum hu it-tliet mija u ħamsa u sittin jeŭ it-tliet mija u sitta u sittin biċċa ta' sena.

Biex tgħid ħamsa, ħamsa; tnejn, tnejn, iżżid *ope*. Mela *duope*—tnejn, tnejn; *dekope*—għaxra, għaxra.

*La soldatoj kuras triope*—Is-suldati jiġru tlieta, tlieta.

*Mi legas*—Jiena nakra.

*Li estas knabo sed mi estas knabino*—Hu tifel iżda jiena tifla.

*Ni estas homoj*—Aħna irgiel.

*Vi estas infanoj*—Inthom tfal.

*Ili estas rusoj*—Huma russi.

*Kie estas la knaboj?*—Fejn huma it-tfal?

*Ili estas en la domo*—Kiegħdin f'id-dar.

*Kie estas la knabinoj?*—Fejn huma it-tfajliet?

*Ili ankaŭ estas en la domo*—Huma f'id-dar ucoll.

*Kie estas la plumoj kaj la krajonoj?*—Fejn huma il pinni u il lapsijiet?

*Ili estas sur la tablo de mia amiko*—Huma kiegħdin fuk il mejda ta' ħabib tiegħi.

*Mi vokas la knabon, kaj li venas*—Jiena insejjaħ l'it-tifel u hu jigi.

*Mia hundo, vi estas tre fidela*—Ja chelb tiegħi inti fidil ħafna.

*Oni* (cullħadd, in-nies) *diras ke la vero venkas*—ijgħidu li is-seŭŭa jirbaħ.

*En la vintro oni hejtas la fornojn*—F'ix-xitŭa in-nies ijsaħħnu il fran.

*Kiam oni estas bela, oni havas multajn amikojn*—Meta xi ħadd ijcun sabiħ, hu ijcollu ħafna ħbieb.

*Li amas min sed mi lin ne amas*—Hu jħobb lili iżda jiena lilu ma nħobbux.

*Mi havas monon sed li havas librojn*—Jiena għandi flus iżda hu għandu cotba.

Ippruvaŭ iġġibu għal malti dina l-ittra żgħira: (1)

*Malto, la 2'an de Septembro 1909a.*

*Tre kara amiko,*

*Mi ricevis hodiaŭ* matene vian afablan leteron kun granda plezuro kaj mi dankas* vin tutkore. Mi legis la libron kaj la revuon kiujn* vi afable sendis al mi kun intereso; kaj mia frato Johano intencas sendi al vi belan italan romanon* de la klera* verkisto* Fogazzaro « La Sanktulo » kiu havis grandegan sukceson en la tuta mondo.*

*Salutante vin ame kaj premante al vi amike la manon mi estas*

*Via humila servanto.*
*Ludoviko.*

---

*Hodiaŭ*—illum; *danki*—tirringrazzja; *kiujn* il plural ta' *kiu* (li) u fl-accusattiv; *romano*—rumanz; *klera*—għaref; *verkisto*—aŭtur; *sanktulo*—kaddis.

(1). **Bejn daŭc collha li jibagħtu, sa l-aħħar ta's-sena, it-traduzzjoni bla sball ta' dina l-ittra jintrefgħu strina tużżana cotba bl-esperanto.**

*(Jissocta.)*

# TLAKKIT.

**F'Berlin**, fl-istazzjonijiet ta'l vapur-ta'l-art hemm cumdità cbira ħafna: meta titfa f'caxxa żeŭġ xelini u sold toħroġ umbrella b'biljett magħha. Jecc f'jumejn żmien targa tieħu flistazzjon l-istess umbrella jatuc l-ura xelin u tmien soldi m'il flus li tcun tfajt f'il caxxa.

**L-Imperatur ta'ċ-Cina** u il Vicire ta'l Indja jaħcmu bejniethom actar minn nofs in-nies li fiha id-dinja.

**F'Parigi**, cull sena joktlu ma't-tlietin elf żiemel għal l-ichel. Minn cull żiemel jieħdu ma'l mija u ħamsin ratal laħam.

**Il festa ta't-tieġ f'ir-Russja** xi dakkiet iddum sa tliet t-ijiem, lejl u nhar bla mistriħ ta' xejn. F'dina il festa il għarusa trid tiżfen ma' cull ragel li jcun hemm; u cull mara li tiżfen ma' ragel trid iżżommlu f'idha il pipa.

**F'id-Danimarca** in-nobbli ta' hemm għamlu soċjetà sabiħa ħafna. Malli titŭieled tarbija nobbli missierha jictibha f'dina il Cumpannija, ijħallsilha somma ta' flus u jibka ijħallsilha għal xi żmien. Meta tlaħħak il ŭieħed u għoxrin sena il Cumpannija tatiha fejn tokgħod b'il cumdità seŭŭa u renta biex tista tgħix biha chif jixirkilha. Għalhecc f'id-Danimarca ma tiltaka katt ma' mara nobbli batuta għaliex dana il chera franc u dina ir-renta tgaŭdihom sa tiżżeŭŭeġ jeŭ sa tmut.

**In-nies** li l-actar għandhom għajnejhom tajjba huma l-Eskimò ta'l Greolandja u il Għarab ta'd-deżerti ta'l Africa billi daŭna ma jaraŭx kuddiemhom, cull jum, ħlief baħar bla tarf jeŭ ta' silġ jeŭ ta' ramel. In-Norveġjani għandhom għajnejhom ijŭasslu ŭisk bħal ma fost it-Tedeschi hemm ħafna li ma tantx jaraŭ m'il bogħod billi jistudjaŭ ħafna.

**Is-silġ** li jgħatti l-art ta'l Greolandja xi dakkiet ijlaħħak ma'l mil u nofs ħxuna.

**Fi Buenas Ayres**, fl-America, daŭc collha li jigu iccundannati il ħabs għal żmien tŭil ijħalluhom joħorġu għal xi ftit siegħat cull jum biex jakdu l-affarijiet tagħhom basta jŭegħdu li għandhom jergħgħu jmorru il ħabs minn jeddhom.

**Il cliem** jimxi f'it-telefonu b'il ħeffa ta' sittax il elf mil cull minuta seconda. Jecc il fili tiegħu jcunu għaddejjin minn ġo'l baħar il cliem jimxi b'il ħeffa ta' sitt t-elef mil cull seconda biss.

**Innes Shaeffer** xtrat bull-dog li jismu « Maumettu » b'elf lira; u biex tkiegħed il clieb collha li għandha bniet post li kamilha ħames t-elef lira.

**Il Princep ta' Monacu** għandu ŭaħda m'il isbaħ ġabriet ta' firmi ta' nies cbar ta'd-dinja.

**F'Denver, fl-Inghilterra,** meta il pulizija tiġbor il xi ħadd f'is-sacra m'it-triek tieħodlu ir-ritratt u l-agħda tŭaħħlu ŭara il bieb ta'l corp ta'l għassa għaliex billi jiekfu ħafna kuddiemu jiddieħku kiegħdin jicconvertu ħafna scaren.

**F'ŭaħda m'il gżejjer** ta'l Oceanu Pacificu ticber siġra li togħla sa tlietin pied iżda li katt ma tarmi ŭerka ŭaħda biss u il ħatab tagħha ma jinħarakx għaliex hu jebes daks il ħadid.

**M'hux is-suldati** collha jħobbu jiscru. Fl-armata ingliża hemm ma't-tnejn u ħamsin elf ruħ li ma jixorbux spirti.

**L-actar siegħa** chiesħa ta'l ġurnata hi il ħamsa ta' f'ilgħodu.

**F'New York** kiegħdin jistampaŭ l-opri ta'l cbir poeta ingliż Shakespeare b'tant stampi fini li cull volum sejjer ijcun ijkum mitt lira; u billi l-opra collha sejjra tlaħħak erbgħin volum, sejjra għalhecc tcun tkum erba t-elef lira sterlina.

**Fuk il bastimenti cbar olandisi** li jivvjaġġaŭ għal l-America hemm cull cumdità li ŭieħed jista jixtiek, fosthom għadira b'il ħut ħajj li il passiġġieri jokogħdu jistadu biex meta jakbduh ijsajjruh għal l-ichel. Għandhom saħansitra loc biex jokogħdu jitħaddtu taħt is-siġar ta'l palm veri.

**Nakraŭ f'il « Mitchell's Newspaper Press Directory »** li fl-Inghilterra, fl-Iscozja u fl-Irlanda joħorġu b'collox 2,353 gazzetti differenti. F'Londra biss joħorġu 404 li minnhom 31 joħorġu cull jum.

**Henry Bergman** ma kabilx ma' martu u ŭara ħafna ġlied infired minnha xi ħamsa u għoxrin sena ilu. Minn dac iż-żmien ingħalak f'camartu, f'New York, u katt ma ħalla tirfes hemm geŭŭ mara sa l-aħħar nifs ta' ħajjtu li ġrat ftit ilu.

**Il għuda ta'l lapsijiet ta'l carta** jieħduha m'is-siġar ta'ċ-cedru, iżda billi jsiru ħafna lapsijiet daŭn is-siġar għoddhom inkerdu għal collox. Għaldakstant ŭieħed chimicu f'Berlin kiegħed juża f'loc iċ-cedru pasta ta'l patata li tittempra ruħha tajjeb ŭisk.

**Daŭc li jimxu fuk il moda parigina** kiegħdin jilbsu ċurchett f'is-saba il cbir u kiegħdin ijgibu imdendla f'il catina ta'l arloġġ sinna ta' lupu ingastata f'id-deheb biex, chif jaħsbu huma, iggibilhom ir-risk.

**Il Cnisja** ta'l protestanti « St. Paul's » ta' Londra hi assicurata contra il ħruk b'95,000 lira.

**Il Papa jircievi** ma dŭar tnejn u għoxrin elf ittra cull jum; u biex jirrispondu'hom għandu impjegati miegħu ħamsa u tlietin segretarju.

**Il Cżar ta'r-Russja** hu l-actar ŭieħed f'id-dinja li għandu art tiegħu, billi tlaħħak disgħin miljun *acre* quadrati.

**Is-sena l-oħra** f'Walsoken, f'West Norfolk, fl-Inghilterra, katgħu fraŭla li chienet tiżen ukitejn u li id-daŭra tagħha chienet tlaħħak ma't-tmien pulzieri.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

DICEMBRU.

27—1678. Saret parroċċa il Cnisja ta'x-Xeŭchija.
28—1838. Dehru xi ligijiet ġodda.
29—1835. Beda il Cunsill ta'l Gvern.
40—1818. Tneħħeŭ il Ġurati ta'l Imdina.
31—1731. Giet icconsaġrata il parroċċa ta'ż-Żejtun.

JANNAR.

1—1786. Għamel silġ icreħ ħafna bi ħsara cbira f'ir-raba.
2—1839. Il Gvern ħareġ ligi fuk il ġurament ta'l impjegati insara.

**It-Tabib A. Mosca** ta' Milan kal li hu iccura ŭieħed li chien marid b'id-diabete u b'il pullagra billi ordnalu il

**FERMENTIN**

u li dan fiek bih fi żmien kasir ħafna. Ma l-eŭŭel flixcun li xorob nakas seŭŭa iz-zoccor u baka sa għieb għal collox u tjieb ħafna ŭara ftit ġmiegħi.

Għala mela intom ma tippruvaŭhx ucoll biex tfieku malajr?

# IS-SAĦĦAR FALŻUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Meta ŭasal fuk is-Sakkajja chien daħal il-lejl seŭŭa u f'it-triek ma chienetx tidher ruħ; u għalhecc Ħamid għamel il kalb billi ma chienx hemm barra min sata jagħirfu u jsenslu ma' Ambroġ. F'xi ħanut, l-haun u l-hemm, chienu għadhom jidhru x'erbgħa minn nies ijpecilku, iżda ħadd minnhom ma ħabbel rasu b'min chien għaddejj m'it-triek; u f'dac iż-żmien it-triek li tieħu m'is-Sakkajja għal Cunvent ta' San Dominicu ma chienetx imgħammra chif inhi illum.

Fetaħlu ajc, nolsu imdaħdaħ b'ingħas, u staksieh x'ijrid. Ħamid kallu li jfittex ijkajjem lil Patri Damjan għaliex hemm ŭieħed milli jkerru għandu ħażin u jridu malajr. L-ajc, bla ma għarfu, kallu iva u tala jkajjem lil Patri Damjan. Dana, billi chien bniedem ta' ħniena cbira u li chien ijħobb jakdi dmiru bi ħrara kaŭŭija, niżel f chemm ilna ingħidu; iżda malli ra lil Ħamid u għaraf leħnu kabad sejjer ijċanfru u jingibed l-ura.

Ħamid minnufih inxteħet għa'r-rcopptejh kuddiemu u, b'leħen l-actar kiebi, kallu:—

—«Patri ismagħni l-eŭŭel... u imbagħad, jecc jidhirlec, cheċcini, imkar b'ir-rigel, minn kuddiem għajnejc. Carmena, bint il Ħachem, tinsab ħażin, u ŭara id-dnub icreħ li għamlet tixtiek tkeir u bagħtitni għalic... ħenn għaliha u la tilfilhiex ruħha ucoll...»

Patri Damjan fehem malajr x'inhi il biċċa, rafa il Ħamid m'il art u kallu:—

—«Għidli għallankas is-seŭŭa u issibuni magħcom. Alla għallimna naħfru u ŭiddibna niġru ŭara l-ingħajgiet mitlufa. Għala ħarrabtha?... fejn hi kiegħda? x'sar minnha?...»

—«Emminni,» ŭiegħbu Ħamid «naħlifulec fuk l-egħżeż ħaġa li għandi... m'hux jien ħarrabtha... conna milgħubin hi u jiena m'il Cavalier De Saqueville... issa ŭara li kata xeŭktu, telakha u tinsab, b'deni ta' żiemel fukha u b'sogħla li tŭaħħax, f'il cmajra ta' Fatma, f'Musulmet, u tixtiek ħafna li inti tmur ħalli tferraħ ftit kalbha miegħec...»

—«Nigi, collu ŭieħed» kallu Patri Damjan, «iżda haŭn bogħod ŭisk, hemm bżonn li tolilok caless...»

—«Da'l ŭakt ijcun miegħec» ŭiegħbu ferħan Ħamid «għaliex għadni chif ilmaħt ŭieħed taħt il ħajt ta' San Frangisc;» u x'ħin kal hecc tar bħal żiffa rieħ biex ijgib il caless.

F'radda ta' salib chien bih ŭara il bieb ta'l Cunvent; Patri Damjan tala u il Ħamid daħħlu miegħu kuddiem biex ijcompli jfehmu, u f'chemm ilna ingħidu chienu ġa ŭaslu fejn l-Isptar, li hu ŭieħed m'il actar kodma li haŭn f'id-dinja, billi imbena għal ħabta ta'l 1300 u li illum jissejjaħ ta' Santu Spirtu għad li kabel chien jissejjaħ ta' San Frangisc.

Patri Damjan haŭn laktu ħsieb, għaliex billi Ħamid chien kiegħed ijfissirlu, f'il caless, il fakar ta'l cmajra li fiha chienet tinsab Carmena, ra li hemm ma' chienx kgħadha u ŭieħed ma chienx jista jŭennisha u jatiha dakka ta' id chif jixtiek. Għalhecc xiref rasu m'il purtieri u giegħel lil ta'l caless biex jieħdu l-Imdina, fejn il Mina ta'l Għarrekin, għand is-Sur Kalamias.

Dana is-sinjur chien rieked ġmielu billi il-lejl ta' kabel ma' chien rakad xejn biex compla ma' ta' Falzun, u katt ma ħolom f'elf sena li chellu jara ma ŭiċċu, f'dac il ħin, il Ħamid u il Patri Damjan.

Malli telgħet il kaddejja xŭejjħa li chellu u l'is-Sur Kalamias kaltlu li Patri Damjan għandu bżonn ijchellmu ħin bla ŭakt, kam u libes bilġri u, fi ftit ħin u cliem, sar jaf malajr

x'għadda minn Carmena u li Ħamid chien kiegħed jistenna barra f'il caless.

Is-Sur Kalamias, għad li chien imgħobbi seŭŭa b'is-snin, għoġbu dac li kallu Patri Damjan, igifieri li jmur miegħu biex jaraŭ chif jagħmlu u jgibuha chiss-in-chiss f'daru, ħalli jsejjħu l'it-tabib Xara biex jaraŭ x'għandha seŭŭa u jistgħux ijfejjkuha u ħalli jaħtfuha minn taħt id-dŭiefer tant ħarxa ta'l Cavalier chemm ucoll ta' Ħamid, li ma jmurx, chif beżgħu huma, jġarrafha f'xi belligħa oħra.

Is-Sur Kalamias ŭiddeb lil kaddejja biex tħejji camra suret-in-nies u richeb f'il caless ma' Patri Damjan u ma' Ħamid li żammeŭh geŭŭa magħhom għaliex chienu fuk ix-xŭiec biex jistħarrġu seŭŭa dina il praspura ta' Carmena li nisslet tant għaŭġ u mrar fl-Imdina collha chif iddur.

Meta semgħu minn fomm Ħamid chif ġrat il biċċa u dana ħalfilhom li ma chienx kiegħed ijgħidilhom ħlief is-seŭŭa, ħarsu lejn xulxin għaliex raŭ li Carmena chienet milgħuba m'il taħxi Cavalier u li Ħamid ma chellux dic il ħtija collha li tefgħulu fuk spallejh.

Saru minn cull leŭn meta Ħamid tennielhom x'kallu il Cavalier meta mar il Birgu ijŭassallu dac li bagħtet tgħidlu Carmena, u is-Sur Kalamias, għad li xieħ seŭŭa, xtak li sata jaħcmu taħt idejh ħalli jkarmċu għal ħruxitu.

Meta ŭaslu sabu il Carmena mitlufa tħeŭden, issa b'il Cavalier u issa b'missierha, dakka b'Ħamid u oħra b'Ambroġ; u, bla heda ta' xejn, sogħla chelba chienet trid toforkilha sidirha f'elf biċċa. Meta raŭha f'dic is-sura li iġġiblec ħniena id-dmugħ ŭaħdu instilet minn ġo għajnejhom għad li min jaf chemm imrar chienu raŭ u xorbu f'ħajjithom. Patri Damjan resak b'il ħleŭŭa fukha, għaliex ma chienetx intebħet bihom, u sejjħilha b'isimha.

Ŭiċċ Carmena intela b'il ferħ u tbissmet tidħak; ħaddnitlu rasu ġo dirgħajha, ixxiegħlet f'beŭs l-actar sfieki u kaŭŭi u kaltlu:—

—Mela ŭara li ħabbejtec tant hecc tagħmilli, tħallini u ma tigix tarani?... mela ma tafx li sejjra immut u inħallic għal dejjem?... Ara imħabba fic ktilt il missieri, u sgur li sejjra nekred il ħuti b'il għali... ara Ambroġ hemm f'ir-rocna... imħejji b'ix-xabla f'idu biex jinfidli kalbi... li hi tiegħec.... għidli li tħobbni tasseŭ kabel joktolni... għidli li m'hux tasseŭ li int dħakt bija... arah hemm... gejj... Ambroġ... tħallihx joktolni... ħenn għallankas għal min ġa tnissel... fija... » u reġgħet bdiet tgħannak u tbus lil Patri Damjan chemm tiflaħ.

Cull min chien hemm f'il camra jisma, sfar bħal karsa ta'x-xama x'ħin raha mitlufa f'dic it-telfa collha u li lankas biss ma għarfet il Patri Damjan; u tfixclu x'jakbdu jagħmlu.

Patri Damjan inkala b'il ħleŭŭa minn ġo dirgħajha u kallha f'ŭidnitha:—

— « Carmena, jiena Patri Damjan, gejt narac, riddtni xi ħaġa?... »

Carmena berrket għajnejha lejh, kabditlu idu, biesithielu għal darba, tnejn u kaltlu:—

— « Int Patri Damjan?!... aħfirli għaliex ħsibtec dac il kalb ħażina ta' De Saqueville. »

— « Le, Carmena » kallha Patri Damjan « il Cavalier jigi f'ŭakt ieħor meta, bħal ma kal, ijfiek m'il gerħa ta' driegħu... il-lejla gie jarac miegħi ħabib ieħor li ma hu xejn ankas għażiż minni... haŭn... arah... is-Sur Kalamias...... »

(*Jissocta.*)


## BONI TA'L CONGO 1888.

B'IL PREMJU U L-IMGĦAX HAMSA F'IL MIJA; li jistgħu jittieħdu b'il ħlas ta' tant f'ix-xahar. Il premji jitilgħu sitt darbiet f'is-sena:— fi Frar, f'April, f'Ġunju, f'Aŭŭissu, f'Ottubru u f'Dicembru, u fl-istess ħin, sa chemm jitla in-numru tagħcom tibkgħu tieħdu dejjem il ħamsa f'il mija imgħax. Il premji il cbar huma sitt elef, erba t'elef, elfejn u tmien mitt lira barra minn 158 iżgħar u 4,000 rimborsi.

Daŭna il boni huma sbiħ ħafna għaliex jecc ma tirbaħx premji il capital żgħir li toħroġ jibka jiżdied bl-imgħax u b'hecc tcun kiegħed tagħmel l-aħjar negozju.

Min ijrid jaf xi ħaġa iżjed ijmur fi Strada Forni, 89, il Belt.

---

L-« ENGLISH AND ITALIAN SCHOOL » hi ŭaħda m'il aħjar li hemm ġo'l Belt għal min ijrid ijgħallem l-uliedu seŭŭa biex jidħlu il Liceo, it-Tarżnar jeŭ is-Siminarju. F'dina l-iscola jgħallmu il bravi Sacerdoti Gaŭci, Darmanin u Psaila-Cumbo li m'hux biss huma intelligenti ħafna iżda huma ucoll imħarrgin fl-aħjar schejjel u għalhecc jafu jakdu dmirhom tajjeb.

Missierijiet, mela ibagħtuhom hemm u ma jibdielcomx.

---

Min ijrid jixtri torchju ta'l istampa tajjeb ħafna u bi ftit flus; bħal ma minn ijrid jixtri linca seŭda ta'l istampa bi rħis jicteb Ta's-Sliema, Sda. San Vincenzo 12.

---

Il Chirurgu-Dentista Alfonsu Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Ġdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

---



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

**267, STRADA REALE.**

---

## GĦA'N = NERVUSI !

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min għandu xi **bolli użati** u l-actar ta' Malta biex ijbiegħhom jmur għand Barthelemy Pisani, il Belt, Strada Levante No. 150.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

**Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI**

**TA'**

**STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,**

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**




**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stam-pa b'ir-rokka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**